MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1103/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexander Grech)**

**v**

**Richard Borg ta' 34 sena bin il-mejjet**
**Lino u Antonia nee Guzman,**
**Imwieled Pieta' fit-3 ta' Awissu, 1970**
**u joqghod 22, Triq Sant' Anna Tarxien,**
**jew Nru. 12, Triq San Duminku, Valletta**
**detentur tal-karta tal-identita' 35170 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Richard Borg akkuzat talli fl-1 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m. bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hseib b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' serq aggravat bil-

mezz, bil-valur ta' vettura bin-numru FBM 791 ta'ghamla Fiat Punto li kienet ipparkjata fi Triq Gilormu Cassar il-Belt Valletta, liema delitt ma kienx gie ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur tal-arrtikolu 41(1)(a), , 261(c), 263, 267 u 279(b) tal-Kapitlu 9 tal-ligjiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu arma irregolari (crew bar) u dan bi ksur tal-artikolu 64(2) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ghall-habta ta' 1.10 p.m. waqt li kien f'City Gate Shopping complex volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u kliem oxxen u dan bi ksur tal-artikolu 338(bb), (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ghall-habta 1.10 p.m. waqt li kien f'City Gate shopping complex hedded u nsulta bi kliem lil Melanie Lorraine Bezzina u dan bi ksur tal-artikolu 339(b)(d) u (e) tal-kapitlu 9, tal-Ligjiet ta' Malta;

U aktar talli fit-2 ta' Dicembru, 2004 waqt li kien gewwa l-bini tal-Qorti l-Belt Valletta ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna PS 414 T. Micallef ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta'dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b'hekk sar jitqies recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet gentilment miltuba sabiex barra milli tapplika l-pieni skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Melanie Lorraine Bezzina,

Steven Joseph Mallia, Vanessa Mc Donald u PS 414 u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli taht liema hu mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(c), 263, 267, 279(b), 338(bb)(dd), 339(b)(d)(e), 95(1), 49, 50, 289, 17(b)(c), 533, 31, 383, 20 u 23 tal-Kodici Kriminali.
(b) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitlu 66

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 95).

Ikkonsidrat

Illi l-akkuzat gie identifikat mix-xhud Vanessa Mc Donald jipprova jisgassa l-vettura ta' kollega taghha certu Steve Mallia.

Gie identifikat ukoll minn certu Melanie Bezzina waqt li dan ipprova jisgassa wahda mill-vetturi tal-hanut Exotique, City Gate, Valletta. Illi f'dan il-kaz l-istess akkuzat kellu f'idu crow bar, din kienet ben identifikata mill-istess xhud. F'din l-okkazjoni l-akkuzat hedded u insulta wkoll ix-xhud. Dan l-ghajjat u nsulti saru mill-akkuzat waqt li hu kien barra hdejn l-imsemmija vetturi.

Xehed ukoll PS 414 Trevor Micallef dwar l-insulti u theddid li rceva minghand l-akkuzat meta kien qed inizzlu gol-lock up.

Min-naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa stqarrija, hawn stqarr li minn dak lilu addebitat ma jiftakar xejn. Viva voce xehed illi huwa belgha ammont ta' pilloli debitament moghtija lilu b'control card u konsegwentment ma jiftakar xejn minn dak li gara. Jghid li barra li belgha dawn il-hmistax-il pillola, xorob ukoll xi naqra nbid. Jghid li gie f'sensieh il-habs. Insomma l-akkuzat kien insistenti taht gurament li hu minn dawn l-incidenti li fuqhom iddeponew ix-xhieda

imsemmija ma jiftakar xejn, lanqas il-fatt li hu harab mill-Pulizija biex ma jinqabadx.

Ingabu anke xhieda (Cremona f'isem l-agenzija Sedqa) dwar il-progress li l-akkuzat kellu fil-konfront ta' abbuz tad-droga.

Ikkonsidrat

Il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma mill-htija ta' l-akkuzat dwar ir-reati lilu addebitati. Id-Difiza min-naha taghha telghet l-iskuza ta' intossikazzjoni ta' l-imputat in kwantu hu ma kellux mens rea necessarja minhabba li kien taht l-effett ta' pilloli. Certament intossikazzjoni volontarja qatt ma hija skuzant taht il-ligi, vide artikolu 34 tal-kapitlu 9, l-akkuzat ex admissis ha ammont kbir ta' pilloli u xorb u mbaghad darba tressaq il-Qorti qieghed jippretendi klemenza u jiggustifika azzjonitu b'hekk.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 263, 267, 279(b), 38, 330, 95, 49, 50, 289, 17, 533, 31, 20, 23 tal-Kapitlu 9.

Rat il-verbal tad-Difiza dwar l-ezentazzjoni tax-xhieda bhala prova ta' l-identita' (folio 95).

Ikkonsidrat il-fedina penali ghal kollox refrattarja ta' l-imputat, ikkonsidrat illi l-imputat ghandu problema serja ta' droga, li frankament ftit ipprova serjament jirriforma, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------